MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 163/2012/1

**Rikors numru 163/2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 84/2012 fl-ismijiet:**

**Avukat Mark Refalo bħala prokuratur tal-assenti minn Malta Avukat Remo Montone**
***versus***
***European Insurance Group Limited***

1. Dan huwa appell minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 2012 li laqa' talba magħmula minn *European Insurance Group Limited* ["id-

Debitriċi”] biex jitħassar mandat esekuttiv ta’ sekwestru maħruġ kontra tagħha fuq talba tal-Avukat Mark Refalo *nomine* [“is-Sekwestrant”].

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Is-Sekwestrant kiseb ordni ta’ ħlas Ewropeja b’dikriet tal-Qorti ta’ Ruma tal-24 ta’ Ottubru 2011 taħt ir-Regolament (KE) numru 1096/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u, bis-saħħa ta’ dak it-titolu, kiseb il-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru esekuttiv numru 84/2012 [“il-Mandat”] kontra d-Debitriċi.

3. B’rikors tas-17 ta’ Frar 2012 magħmul taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili d-Debitriċi, wara li fissret illi dwarha kien inħareġ ordni ta’ stralċ u nħatar stralċjarju mill-Awtorità għas-Servizi Finanzjarji ta’ Malta [“l-Awtorità”] fid-29 ta’ Settembru 2011, talbet it-tħassir tal-Mandat għar-raġuni mogħtija fl-art. 222 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]:

«**222.** Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv, barra minn mandat ta’ inibizzjoni, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.»

4. B’dikriet mogħti fis-16 ta’ Marzu 2012 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba għat-tħassir tal-mandat, bl-ispejjeż kontra s-Sekwestrant, wara li għamlet dawn il-konsiderzzjonijiet:

«Is-soċjetà rikorrenti qed topponi … għal dan il-mandat peress illi r-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar *Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings)* jipprovdi li “*without prejudice to the provisions of article 28, 41 and 42 of the Act*[1]*, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequently wind up, … in accordance with the Companies Act*”. L-artikolu 222 tal-Kap. 386 imbagħad jipprovdi illi meta kumpanija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv barra minn mandat ta’ inibizzjoni maħruġ jew miġjub kontra l-kumpanija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

«Il-qorti tirrileva illi s-soċjetà rikorrenti stess qed tissottometti li l-istralċjarju ġie nominat għall-fini ta’

---

[1] L-Att dwar il-Kummerċ ta’ Assigurazzjoni, Kap. 403.

likwidazzjoni tal-kumpanija skond l-artikolu 28(1)(*f*) tal-Kap. 403. Dan l-artikolu jgħid illi:

«**28.** (1) Bla ħsara għall-poteri mogħtija lill-awtorità kompetenti taħt l-artikolu 26, l-awtorità kompetenti, tista' fejn tkun sodisfatta li jeżistu ċirkostanzi serji biżżejjed, tipproċedi biex tieħu waħda jew iżjed mill-miżuri li ġejjin:

«(*f*) taħtar persuna kompetenti biex tagħmilha bħala stralċjarju għall-fini tal-likwidazzjoni tal-affarijiet tal-kumpannija;

«(2) Meta persuna tinħatar mill-awtorità kompetenti –

«(d) skond is-subartikolu (1)(*f*), dik il-persuna tkun l-istralċjarju tal-kumpannija għall-finijiet kollha tal-liġi bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra.

«In-nomenklatura *competent authority* tfisser il-*Malta Financial Services Authority* stabbilit mill-att li jġib l-istess isem.

«Is-soċjetà rikorrenti qed issostni illi *in virtù* tal-artikolu 10(2) tar-Regolamenti maħruġa taħt l-Att prinċipali Kap. 403, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-*Companies Act* Kap. 386 fosthom l-artikolu 222.

«Però kif issottometta tajjeb l-intimat l-artikolu 222 jiprovdi għal stralċ li qed isir mill-qorti. F'dan il-każ l-istralċ qed isir mill-*MFSA* fuq ordni tagħha. Ma jidher li saret ebda talba lill-qorti għall-istralċ kif hemm provdut fl-artikolu 9 tar-Regolamenti fejn il-proċedura tibda b'rikors *ai termini* tal-Kap. 386 u fejn il-qorti trid tinforma lill-*MFSA* b'dan ir-rikors għall-veduta tagħha u wara tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talba.

«Jibqa' però indiskuss illi l-artikolu 10 igħid illi mingħajr preġudizzju għal artikoli 28, 41 u 42 tal-Kap. 403, l-istralċ isir in konformità ma' dak li jitlob il-Kap. 386.

«Din il-qorti tqis li ma għandhiex tintrabat mal-kliem *ad letteram* tal-artikolu 222 tal-Kap. 386 li fost affarijiet oħra hu mqiegħed mal-provvediment ta' stralċ ordnat mill-qorti iżda għandha tħares prinċipalment għal prinċipju regolatur ta' kull stralċ kemm volontarju u kemm koatt bħal ma hu dan il-każ *cioè* li l-iskop tiegħu hu li jinġabru l-assi kollha, jitħallsu d-djun u jekk jibqa' xi ħaġa titqassam fost l-azzjonisti. L-iskop prinċipali li jinġabru l-assi hu sabiex l-istralċjarju, fil-fażi li nbeda proċedura ta' stralċ, ikollu f'idejh il-kontroll tal-assi u jkun marbut li jiddisponi minn

dawk l-assi skond min għandu dritt għalihom *cioè* l-kredituri u skond il-gradwazzjoni li tippermetti l-liġi. Dan kollu sabiex jiġu protetti l-kredituri kollha indistintament taħt il-kappa tal-*par condicio creditorum*.

«Ikun inġust u kontra l-prinċipji ta' stralċ illi sempliċement għax kreditur għandu titolu eżekuttiv favur tiegħu, ikun jista' juża l-mezzi ta' eżekuzzjoni meta hemm stralċ għaddej. F'dan il-każ l-istralċjarju ġie appuntat fid-29 ta' Settembru 2011 u minn dakinhar (billi ma jirriżultax lill-qorti data anteċedenti tal-ordni nfisha tal-*MFSA* dwar l-istralċ) ma kienx leċitu għal ebda kreditur li jenforza l-kreditu tiegħu a skapitu u bi preġudizju ta' kredituri oħra mingħajr ma l-kreditu tiegħu jitpoġġa fil-baskett tal-krediti li jrid jiddisponi minnhom l-istralċjarju biss skond kif trid il-liġi u l-prinċipji ġenerali tal-istralċ ta' kumpaniji.

«Għalhekk hi l-fehma tal-qorti li dan ir-rikors għandu jiġi milqugħ u, għalkemm l-intimat għandu titolu eżekuttiv favur tiegħu, ma jistax jiġi eżegwit bil-proċeduri tal-Kapitolu 12 iżda jrid isegwi l-prinċipji tal-qsim tal-assi ta' soċjetà fi stralċ mill-istralċjarju.»

5. Is-Sekwestrant appella minn dan id-dikriet b'rikros tat-22 ta' Marzu 2012. L-aggravji tiegħu essenzjalment huma dawn:

i. l-art. 222 tal-Kap. 386 ma jgħoddx għall-każ għax id-Debitriċi ma ġietx stralċjata mill-qorti iżda mill-Awtorità;

ii. l-ispejjeż ma għandux iħallashom is-Sekwestrant meta dan mexa kif trid il-liġi; u

iii. id-dikriet appellat ma jiswiex għax ingħata *in camera* u mhux fil-miftuħ.

6. Id-Debitriċi wieġbet fit-28 ta' Ġunju 2012 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud.

7. Billi t-tielet aggravju – illi d-dikriet appellat ingħata *in camera* u mhux fil-miftuħ – jolqot il-validità tad-dikriet, il-qorti sejra tibda biex tqis dan l-aggravju qabel l-oħrajn.

8. Fit-tweġiba tagħha d-debitriċi ma qalet xejn dwar dan l-aggravju.

9. L-aggravju huwa msejjes fuq l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li d-dispożizzjonijiet relevanti tiegħu jgħidu hekk:

**281.** (3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk

taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.

(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. … … …

10. L-art. 281(4) igħid illi d-dikriet għandu jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Ukoll jekk dan ma sarx kif allegat, dan in-nuqqas għandu jwassal għan-nullità?

11. L-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar nullità ta' atti ġudizzjarji, igħid hekk:

**789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –

… … …

(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

12. Fil-każ tallum is-Sekwestrant ma ġarrab ebda preġudizzju għax l-appell ressqu fi żmien utli u ma tressqet ebda eċċezzjoni ta' irritwalità tal-appell għax ma sarx wara li d-dikriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ. Għalhekk, billi n-nuqqas ta' qari tad-dikriet fil-qorti bil-miftuħ ma ġab ebda preġudizzju lil xi parti, ma hemm ebda ħtieġa li d-dikriet jitħassar, u l-aggravju relativ huwa għalhekk miċħud.

13. Ngħaddu issa għall-aggravju fil-meritu, li huwa fis-sens illi l-art. 222 tal-Kap. 386 ma jgħoddx għall-każ għax id-debitriċi ma kinitx stralċjata mill-qorti. Dwar dan l-aggravju d-Debitriċi wieġbet hekk:

«L-artikolu 222 ġie invokat mill-*EIG* [id-Debitriċi] mhux għaliex l-istralċ huwa wieħed ordnat mill-qorti (l-istralċ kien ordnat mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta), iżda għaliex ir-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar *Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings)*[2] jipprovdi li "*… … … a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with the Companies Act*". Ir-regolament 10(2) għalhekk jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 mingħajr distinzjoni.

---

[2] L.S. 403.15.

«L-ebda kreditur ma jista' jottjeni preferenza meta soċjetà tkun fi stat ta' insolvenza. Barra minn hekk kreditur hu prekluż, *ai termini* tal-artikolu 303 tal-Kap. 386, milli jottjeni preferenza anki matul is-sitt xhur immedjatament qabel l-insolvenza fiċ-ċirkostanzi hemm kontemplati. L-artikolu 222 huwa intiż sabiex jiżgura li f'ċertu każijiet, fost oħrajn każijiet ta' insolvenza, jitħarsu l-interessi tal-kredituri kollha mingħajr ebda preferenza u/jew diskriminazzjoni, u *cioè* biex jiġi żgurat il-*par condicio creditorum.* Għal kuntrarju ta' dak sottomess mill-appellant, is-soċjetà appellata umilment tissottometti li d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kap. 386 dwar l-insolvenza japplikaw għal stralċ ordnat mill-*MFSA*, b'dawk l-aġġustamenti necessarji *(mutatis mutandis).* Għaldaqstant hu sottomess illi japplikaw kemm l-arikolu 303 kif ukoll l-artikolu 222 tal-Kap. 386 u dan abbażi tar-regolament 10(2) ikkwotat aktar 'il fuq.»

14. Id-Debitriċi talbet ukoll illi titħalla f'dan l-istadju tressaq provi dwar l-istat ta' insolvenza tagħha. Il-kawża tħalliet għallum għall-provvediment fuq din it-talba u għas-sentenza jekk ikun il-każ. Billi, fil-fehma tal-qorti, jekk jiġi konfermat id-dikriet appellat dwar l-applikabilità tal-art. 222 tal-Kap. 386, ikun biżżejjed illi d-Debitriċi tkun fi stralċ biex jitħassar il-mandat, bla ma tkun meħtieġa wkoll prova ta' insolvenza, il-qorti sejra tibda biex tara jekk l-art. 222 igħoddx għall-każ tallum qabel ma tqis it-talba dwar il-prova tal-insolvenza.

15. Il-kwistjoni mela hi jekk l-art. 222 tal-Kap. 386 igħoddx biss fil-każ ta' soċjetà li "tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti", kif igħid testwalment, jew igħoddx ukoll fil-każ ta' stralċ minn awtorità oħra.

16. L-Att dwar il-Kumpanniji jaħseb għal żewġ forom ta' stralċ: stralċ mill-qorti u stralċ volontarju. Stralċ volontarju mbagħad jista' jkun tal-membri jew tal-kredituri. Il-Kap. 386 ma jaħsibx għal stralċ minn xi awtorità oħra iżda d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 dwar stralċ xorta jgħoddu għal soċjetà assikuratriċi stralċjata mill-Awtorità bis-saħħa tar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar *Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings)*.

17. Mela l-istralċ tad-Debitriċi huwa regolat jew mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 dwar stralċ mill-qorti jew mid-dispożizzjonijiet tal-istess liġi dwar stralċ volontarju. Billi l-

Awtorità, bħall-qorti, hija indipendenti kemm mis-soċjetà nfisha, kemm mill-membri tagħha u kemm mill-kredituri, stralċ mill-Awtorità aktar għandu xebh ma' stralċ mill-qorti milli ma' stralċ volontarju u għalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispożizzjonijiet ta' stralċ li jirregolawh għandhom ikunu dawk ta' stralċ mill-qorti aktar milli dawk dwar stralċ volontarju.

18. Għal din ir-raġuni l-art. 222 igħodd għall-każ tallum u, billi l-mandat inħareġ wara li d-Debitriċi bdiet tiġi stralċjata mill-qorti, il-Mandat għandu jitqies null.

19. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, ma hux meħtieġ li naraw ukoll jekk id-Debitriċi hijiex insolventi, u għalhekk ma huwiex meħtieġ provvediment dwar it-talba tagħha biex tinġieb prova tal-insolvenza.

20. Il-fatt illi l-mandat inħareġ bis-saħħa ta' ordni ta' ħlas Ewropeja ma jibdel xejn mill-konklużjonijiet ta' din il-qorti dwar in-nullità tal-Mandat. Ordni ta' ħlas Ewropeja hija esekwibbli daqslikieku kienet sentenza Maltija, u għalhekk ma hijiex esekwibbli f'ċirkostanzi fejn sentenza Maltija ma tkunx esegwibbli.

21. Tifdal il-kwistjoni tal-aggravju dwar l-ispejjeż.

22. Tassew illi fil-meritu d-Debitriċi ngħatat raġun. Madankollu, kif sewwa osserva s-Sekwestrant, huwa mexa kif tgħid il-liġi biex jikseb l-esekuzzjoni ta' titolu meta ma kienx jaf bl-istralċ tad-Debitriċi. Kien imiss lid-Debitriċi li tgħarraf lill-kredituri tagħha bl-istralċ, u ma hemm ebda prova li turi li dan għamlitu. Għalhekk huwa xieraq illi l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel grad tħallashom id-Debitriċi. L-ispejjeż tal-appell, iżda, iħallashom is-Sekwestrant billi f'dan l-istadju kien jaf bl-istralċ.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tikkonferma d-dikriet appellat fejn ordna t-tħassir tal-Mandat iżda tħassru fid-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż u tordna, minflok, illi l-ispejjeż tal-ewwel grad tħallashom id-Debitriċi. L-ispejjeż tal-appell iħallashom is-Sekwestrant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------